MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 1429/1998/2

**Salvina mart Jesmond Mifsud f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Rosmar, Roderick u Elmar**

**v.**

**Jesmond Mifsud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

1.1 Dan hu appell interpost mill-attrici proprio et nomine minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-

Familja) fit-28 ta' Jannar 2010 u li bih hija talbet riforma tal-imsemmija sentenza a bazi ta' aggravji li jissemmew fir-rikors ta' appell.

1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riportata fl-intier taghha kif gej:

"Il-Qorti,

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici qed tippremetti u titlob hekk:

"Billi l-kontendenti ilhom mizzewga sbatax-il sena (17) izda llum il-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, kif ukoll sevizzi, mohqrija, theddid u swat mill-konvenut kontra l-attrici u wliedhom minuri Rosmar, Roderick u Elmar, u llum iz-zwieg tkisser irrimedjabilment; u

"Billi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Jannar 1998, digriet numru 5/98; u

"Billi l-istess attrici kienet ammessa ghal beneficcju gratwitu biex tipprocedi bl-istanza odjerna b'digriet ta' din l-Onor. Qorti tas-6 ta' April 1998;

"Jghid il-konvenut ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mifsud u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut Jesmond Mifsud;

"2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Rosmar, Roderick u Elmar – ta' sbatax-il sena (17), hdax-il sena (11), u sentejn (2) rispettivament, f'idejn l-attrici;

"3. Tiffissa ammont xieraq ta' manteniment ghall-attrici u wliedha minuri;

“4. Tittermina l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f’zewg porzjonijiet b’mod li jkunu komminati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Art. 48 tal-Kodici Civili;

“5. Tawtorizza lill-attrici, flimkien mat-tliet ulied minuri, biss – ie ad eskluzzjoni tal-konvenut li tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

“Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-lista tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;
“Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu 2006;[1]

“Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Greta Agius, minnha debitament mahluf;[2]

“Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar, minnu debitament mahluf;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“L-Azzjoni

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, unikament imputabbli lill-konvenut.

---

[1] Vol.1 fol.193
[2] Vol.1 fol.190 *et seq.*

“Separazzjoni Personali

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Novembru 1980, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal, Rosmar, Roderick u Elmar, li twieldu rispettivament fil-5 ta’ Settembru 1980, fit-30 ta’ April 1987 u fit-12 ta’ Awissu 1995; u li ghalhekk, illum t-tifel Elmar biss, huwa minorenni.

“Illi fl-ewwel disa’ snin taz-zwieg, jidher li ma kienx hemm problemi bejn il-partijiet. F’dan iz-zmien il-konvenut kien jahdem ta’ bennej. Eventwalment, u precizament wara li l-konvenut kera tlett garaxxijiet, bdew jinbtu l-problemi finanzjarji u wkoll dahlet il-pika bejn il-partijiet. L-inkwiet matrimonjali beda jeskali meta l-konvenut ta’ spiss beda jidhol id-dar fis-sakra u jkisser l-affarijiet, jhedded lill-attrici u jghid li “l-ulied mhumiex minn tieghu”[3]; u kompla jaggrava wkoll minhabba certu fatti li qajjmu suspett fl-attrici li zewgha kien qed jiffrekwenta mara ohra. L-attrici tghid ukoll li zewgha “ried jibghatni l-Gzira biex ingiblu flus.”[4]

“L-attrici tghid ukoll li l-LM40 fil-gimgha li l-konvenut kien jaghtiha dak iz-zmien ma kienx jbbasta biex tghajjex il-familja, ghalhekk kellha tohrog tahdem barra mid-dar. Eventwalment il-konvenut waqqaf il-manteniment li kien jaghti lil martu ghaliha u ghall-ulied minuri taghhom; u di fatti rrizulta li, anke fil-mori tal-proceduri, u nonostane d-digrieti moghtija pendente lite, huwa naqas li jhallas il-manteniment dovut minnu, salv ghal xi perijodi limitat, meta kien kostrett li jhallas fil-mori tal-proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

“Illi l-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali hija ssubiet aggressjoni fizika u morali minghand il-konvenut. Dan it-tilwim baqa’ ghaddej anke waqt il-proceduri odjerni, kif jixdhu d-diversi rapporti tal-pulizija prezentati, sakemm eventwalment, din il-Qorti, ordnat li tul il-kumplament tal-proceduri, il-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali.

---

[3] Vol.1 fol.3
[4] Vol.1 fol.48

“Illi mill-provi migjuba l-Qorti hija tal-fehema li l-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghall-attrici minhabba l-komportament aggressiv u abuziv da parti ta’ zewgha fil-konfront taghha, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut u li jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ u ‘ingurji gravi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat. Minn naha l-ohra, tsosserva li l-allegazzjoni ta’ adulterju, maghmula mill-attrici, ma gietx sodisfacentement provata.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16.

“Kura u Kustodja

“Illi l-interessi tal-minuri Elmar, li llum ghandu circa 14-il sena, jiddettaw li dan ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva ta’ ommu l-attrici, bid-dritt ta’ access liberu favur il-missier.

“Manteniment

“Illi permezz ta’ digriet moghti mill-allura Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Jannar 1998, il-konvenut li jahdem bhala bennej, gie ordnat jhallas lil-attrici retta alimentarja settimanali ta’ LM10 ghaliha, u ta’ LM30 ghat-tlett ulied, dak iz-zmien minuri.

“Sussegwentement dan id-digriet gie emendat b’digriet ulterjuri moghti minn din il-Qorti fil-15 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu l-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici LM80 kull erba’ gimghat bhala manteniment ghaliha, u LM50 kull erba’ gimghat bhala manteniment ghat-tifel minuri Elmar.

“*Manteniment Arretrat*

“Illi l-konvenut qatt ma hallas dan il-manteniment lill-attrici, tant li din kellha tiehu passi kriminali; u kien fil-pendenza tal-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali, u meta kien qed jiffaccja pieni ta’ detenzjoni, li l-

konvenut, fi tlett kawzi separati, hallas akkonti ta' LM520, LM320 u LM260, b'kollox LM1,100 ekwivalenti ghal €2,563.[5]

"Ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici bhala manteniment arretrat:

"[1] is-somma ta' €17,917.7 [LM7,690], rapprezentanti manteniment ghaliha mit-8 Jannar 1998 sat-28 Jannar 2010;[6]

"[2] is-somma ta' €768.9 [LM330], rapprezentanti manteniment ghat-tifel Rosmar mit-8 Jannar 1998 sal-5 Settembru 1998;[7]

"[3] is-somma ta' €885.40 [LM3,800], rapprezentanti manteniment ghat-tifel Roderick, mit-8 Jannar 1998 sat-30 April 2005;[8]

"[3] is-somma ta' €15,366.35 [LM6,595], rapprezentanti: €11,114.10 [LM4,770][9] manteniment ghat-tifel Elmar, mit-8 Jannar 1998 sal-15 Marzu 2007; u €4,252.25 [LM1,825][10] mis-16 Marzu 2007 sat-28 Jannar 2010;

"Total ta' €42,906.95 [LM18,415], mill-liema ammont ghandu jitnaqqas €2,563 [LM1,100] l-ammont komplessiv fuq indikat tal-pagamenti maghmula mill-konvenut; b'hekk is-somma dovuta mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment arretrat ghaliha u ghall-uliedhom, tammonta ghal €40,343.95 [LM17,315]

"*Manteniment Futur*

---

[5] Vol.1 fols. 224 u 227; u Vol.2 fol.353: Sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali
[6] **LM4,770** mit-8 Jannar 1998 sal-15 Marzu 2007 [477 gimgha x LM10]; u **LM2,920** mis-16 Marzu 2007 sat-28 Jannar 2010 [146 gimghat x LM20]
[7] 33 gimgha x LM10
[8] 380 gimghat x LM10
[9] 447 gimghat x LM10
[10] 146 gimghat x LM12.50

"Illi f'nota[11], mhux guramentata, prezentata wara digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 Jannar 2007, il-konvenut jghid li hu jaqla' circa LM3,000 fis-sena, izda naqas milli jipproduci provi dokumentali; minn naha taghha, l-attrici pprezentat nota[12] guramentata li fiha tindika s-somma ta' LM1,000 bhala l-introjtu annwali taghha mill-impieg part-time li ghandha.

"Ferm il-premess, il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-konvenut jahdem u ghandu s-sengha ta' bennej u jaghmel xoghol relatat mal-kostruzzjoni tal-bini, tenut kont tal-fatt li l-attrici ghandha impieg part-time li jirrendi ntrojtu annwali baxx, tenut kont ta' l-eta' ta' l-attrici[13] li llum ghandha circa 46 sena, u tenut ukoll kont tal-fatt li l-minuri llum ghandu circa 14-il sena, il-Qorti hi tal-fehema li l-manteniment lil ghandu jhallas il-konvenut, bhala l-parti hatja tas-separazzjoni, lill-attrici bhala manteniment ghaliha jibqa' €46.60 [LM20] fil-gimgha, u l-manteniment li ghandu jhallas, qua genitur, ghat-tifel Elmar jibqa' €29.12,5 [LM12.50] fil-gimgha sakemm dan jsir maggjorenni fil-12 Awissu 2013.
"Illi, stante li mill-process jirrizulta car li l-konvenut mhux ser jhallas dan il-manteniment volontarjament, il-Qorti tikkunsidera opportun li tikkapitalizza dan il-manteniment f'lump sum li ghandha tigi dedotta minn sehem il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwisti; b'hekk jigi assikurat li dan l-obbligu tal-konvenut jigi ezegwit.

"Konformament, il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici [1] is-somma ta' €4,543.50 [LM1,950][14] ghas-saldu tal-manteniment tal-minuri Elmar; u [2] is-somma ta' €30,290 [LM13,000] ghas-saldu tal-manteniment dovut lill-attrici ghaliha. Fil-komputazzjoni ta' dan l-ahhar ammont, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li din is-somma ser tinghata f'daqqa lill-attrici li allura ser tibbenefika minnha fil-futur immedjat. Il-Qorti tordna li mill-imsemmija ammonti, jitnaqqsu l-pagamenti kollha, kontra debiti ricevuti, li l-konvenut jaghmel fil-frattemp.

[11] Vol.1 fol.232
[12] Vol.1 fol.233
[13] Numru ta' l-Identita' – 353063M
[14] 156 gimghat [28 Jannar 2010 sa 28 Jannar 2013] x LM12.50

“Ghalhekk il-konvenut huwa ordnat li jghati lill-attrici s-somma golbali ta’ €75,177.45 [LM32,265] rapprezentanti:

“[1] €40,343.95.[LM17,315] manteniment arretrat;

“[2] €4,543.50 [LM1,950] manteniment ghat-tifel F; u

“[3] €30,290 [LM13,000] manteniment futur ghall-attrici.

“Komunjoni ta’ l-Akkwisti

“Illi mill-provi jirrizulta li din tikkonsisti fis-segwenti proprjeta’:

“[A] Id-dar matrimonjali,

“[B] Uhud mill-mobbli fl-istess fond,

“[C] Vetturi [4],

“[D] Ghodod u armar [ta’ bennej],

“[E] Kumpens mis-socjeta’ assikuratrici tal-vettura Daewoo numru BAH 694,

“[F] L-inkwilinat ta’ tlett garages.

“Illi, filwaqt li fil-prezent l-attrici ghandha fil-pussess taghha l-oggetti that il-partiti [A] u [B], il-konvenut ghandu pussess tal-kumplament, salv il-kumpens indikat fil-partita [E] li ghad irid jithallas.

“[A] Id-dar matrimonjali u l-garaxxijiet annessi maghha – din giet valutata mill-perit gudizzjarju fl-ammont ta’ €150,000 [LM107,296.13]. Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont, u, fin-nuqqas, jinbigh bis-subbasta bl-istess kondizzjoni.

“Illi r-rikavat jinqasam f’zewg porzjonijiet ugwali sabiex wahda tinghata lill-attrici, u l-ohra, wara li jitnaqqas minnha l-imsemmi ammont ta’ €75,177.45 [LM32,267] li ghandu jithallas lill-attrici, tinghata lill-konvenut.

“Illi fil-frattemp l-attrici qed tigi awtorizzata tibqa’ tabita fl-imsemmi fond; izda gheluq sentejn mill-lum, jew fid-data li fih jsir il-bejgh, liema jigi l-ewwel, l-attrici permezz ta’ dan il-gudizzju, qed tigi ordnata tivvaka l-istess fond.

“[B] Is-sehem tal-konvenut mill-effetti mobbli tal-komunjoni, li jezistu fl-imsemmi fond, qed jigi assenjat kollhu lill-attrici;

“[C] Illi dawn il-vetturi, li jinsabu elenkati f’lista esebita a fols.92 u 93 tal-process [Appendici A] hawn annessa, huma kollha fuq isem il-konvenut, izda huma tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Il-Qorti qed tasenja lill-konvenut is-sehem ta’ l-attrici f’dawn il-vetturi, filwaqt li tordna li l-konvenut jhallas nofs il-valur taghhom lill-istess attrici.

“Illi, stante li ma ngabux provi dwar il-valur tal-vetturi, il-Qorti, in mankanza ta’ valuri akkordati, tinnomina lil Joseph Zammit bhala espert tekniku biex jaghmel stima ta’ l-istess, a spejjez taz-zewg partijiet.

“[D] is-sehem ta’ l-attrici fl-ghodod u armar tal-konvenut qed jigi assenjat lill-istess konvenut, b’mod li dawn ikun jappartjenu lilu fl-intier taghhom.

“[E] il-kumpens dovut fuq il-vettura Daewoo BAH 694 ghandu jinghata kollu lill-attrici, li permezz ta’ dan il-gudizzju hi awtorizzata tircevi l-istess kumpens;

“[F] l-inkwilinat tat-tlett garaxxijiet ghandu jibqa’ fl-intier tieghu fuq il-konvenut;

“Kull parti ghandha tkun unikament responsabbli ghad-debiti maghmula minnha ad insaputa tal-parti l-ohra.

“Illi rigward il-crane [Coles] li l-attrici tghid li l-konvenut kien xtara fiz-zwieg minghand is-socjeta’ Roc-a-go ta’ Bir

id-Deheb, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi sodisfacenti dwar l-ezistenza taghha; u, nonostante li fin-nota ta' sottomissjonijiet[15] taghha l-attrici tghid li din ghandha n-numru FZN 456 – Dok.SMA1 sa SMA3 – dawn ma jirrizultawx mill-provi.
“Decide

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

“[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut;

“[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament, u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

“[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’

“[4] tilqa' ir-raba talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-1 ta' Lulju 1998, u tillikwidaha u tassenjaha fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta' l-Akkwisti’;

“[5] tilqa' il-hames talba limitatament u fis-sens fuq deciz fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta' l-Akkwisti.’

“L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut.”

**<u>L-appell tal-attrici pro et noe</u>**

2. L-attrici pro et noe interponiet appell, kif fuq inghad, ghal fini ta' riforma, u dan a bazi ta' numru ta' aggravji.

Fost l-aggravji tal-appellanti, ingabu s-segwenti bhala l-ewwel aggravju:

“Illi ghalkemm l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba u ppronunzjat il-firda personali bejn il-kontendenti bi htija unika tal-konvenut, hi osservat ‘li l-allegazzjoni ta'

---

[15] Vol.1 fol.306

adulterju, maghmula mill-attrici, ma gietx sodisfacentement provata';

"Illi fil-verita` wiehed ma jistax ilum lill-ewwel Qorti ghal kollox li kkonkludiet hekk billi l-kopja legali tal-estratt mill-kawza Cit. Nru. 350/04 **Sharlon Cuschieri v. Richard Cuschieri** li l-esponenti, b'nota, kienet esebiet fit-12 ta' Frar 2007, a fol. 248 huwa nieqes. L-esponenti ghalhekk qed tiehu hsieb tipprezenta kopja legali ohra, hawn mehmuza, markata Dok. B;

"Illi dan l-estratt huwa rapport redatt mis-*social worker* Josette Camilleri fejn jidher li Sharlon Cuschieri nnifisha stqarret (a fol. 111) li ghandha relazzjoni ma' Jesmond Mifsud; il-konvenut innifsu mbaghad quddiem l-ewwel Qorti, fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2005 (a fol. 180) stqarr pubblikament li jghix fil-fond 'Dwejra', Triq ix-Xwieki, l-Iklin, ma' Sharlon Cuschieri;

"Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti bir-rispett li barra sevizji u ingurji gravi – kif stabbilit mill-ewwel Qorti – hemm anki prova tal-adulterju li sar mill-konvenut (li ghadu ghaddej!) bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu kontra l-konvenut."

(Sottolinear ta' din il-Qorti)

**Il-kontumacja tal-konvenut appellat**

3. Jigi hawn rilevat li mill-atti jirrizulta li l-konvenut appellat kien baqa' kontumaci fis-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. Dan il-fatt ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti mid-difensur legali tal-appellat (ara verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2010) u l-konvenut gie awtorizzat illi fi zmien hmistax-il jum minn dakinhar ikollu l-fakolta` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bi twegiba ghat-trattazzjoni. Minn ezami tal-atti ma jirrizultax li l-appellat uzufruwixxa minn din il-koncessjoni li nghatatlu, fuq talba tieghu stess, billi ma wiegeb xejn ghal dak li gie sottomess min-naha tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

4. Kif jidher mir-rikors ta' appell, l-attrici pro et noe, minbarra l-aggravju suespost resqet aggravji ohrajn rigwardanti l-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti, kif ukoll dwar ir-rati ta' manteniment stabbiliti mill-ewwel Qorti. Madankollu, din il-Qorti hija tal-fehma li qabel kollox ghandha tissofferma ruhha ghalissa u tiffoka fuq l-ewwel aggravju ghar-raguni li kemm-il darba kellu fattwalment jirrizulta dak li qieghed jigi allegat min-naha tal-appellanti – jigifieri li l-atti processwali tal-kawza ma kienux kollha a disposizzjoni tal-Qorti billi kien hemm parti mill-inkartament nieqes, u li din setghet kienet parti mill-provi akkwiziti li taffettwa anki d-decizjoni li kellha tinghata mill-gudikant allura dan kollu jista potenzjalment iwassal ghal konsegwenzi ta' certa gravita`, u sahansitra anki ghan-nullita` tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad. Ghalhekk jidher proceduralment ferm opportun li tigi indagata l-fondatezza o meno tal-ewwel aggravju surreferit qabel kwalsiasi aggravju iehor fil-mertu.

5. Tenut kont ghalhekk tal-kontenut tal-ewwel aggravju tal-appellanti pro et noe surreferit, din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun illi hija taddotta l-metodologija segwenti ghar-rizoluzjoni tieghu:

(i) fl-ewwel lok sejra tezamina sew l-atti tal-kawza relattivi sabiex tara jekk bhala stat ta' fatt, huwiex tassew minnu li xi att li suppost gie inserit bhala dokument probatorju fil-process dan baqa' ma giex hekk inserit;

(ii) fil-kaz li dan il-fatt jirrizulta pozittivament, tghaddi biex tikkunsidra jekk, wara kollox, setax dan id-dokument jikkostitwixxi prova li *prima facie* setghet kellha xi rilevanza fuq id-determinazzjoni tal-kawza, partikolarment rigwardanti l-allegazzjoni dwar adulterju; u
(iii) f'kaz li tali rilevanza *prima facie* tirrizulta li tezisti, tghaddi mbaghad biex tipprovdi r-rimedju opportun.

6. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza – process voluminuz – u fil-fatt sabet li ghalkemm fin-nota li giet ipprezentata mill-attrici appellanta, a fol. 248 *et seq* tal-

process jissemmew li qeghdin jigu esebiti seba' (7) dokumenti, jigifieri minn Dok AA1 sa Dok AA7, fil-fatt id-Dok AA5 ma jidhirx li gie inserit fil-process. Jirrizulta in fatti immedjatament wara d-Dok. AA4 (fol. 253 u 254), isegwu Dok AA6 u Dok AA7. Id-difensur legali tal-attrici assigura lill-Qorti, bla ma gie kontradett, li dan id-Dok AA5 huwa kien esebih ukoll flimkien mad-dokumenti l-ohra, u fil-fatt jindika li fin-nota tal-attrici, a fol. 243, ma hemmx sempliciment tismija tar-Rapport in kwistjoni imma hemm indikat espressament l-oggett tal-prova li ried jaghmel permezz tieghu riferibbilment ghall-allegazzjoni dwar adulterju. L-impagnar tal-atti, inoltre, ikompli jikkonferma u jikkorobora l-aggravju tal-atturi dwar in-nuqqas ta' dan id-dokument mill-atti processwali.

7. Kwantu ghar-rilevanza ta' dan ir-rapport jirrizulta kjarament li, indipendentement ghalissa mill-punt dwar jekk dan id-dokument imhejji mis-*social worker* , Josette Camilleri, f'kawza bejn terzi kienx wiehed determinanti jew le biex tigi ppruvata sufficjentement l-allegazzjoni dwar adulterju min-naha tal-konvenut appellat, dan ir-rapport, (indikat bhala Dok AA5) certament jirrizulta illi ghandu rilevanza. Aktar u aktar meta l-motivazzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad biex irrespingiet l-allegazzjoni tal-adulterju hija wahda skarna ghall-ahhar.

8. Stabbilit mela li d-Dok AA5 ma giex inserit debitament fl-atti tal-kawza kif suppost gie nkluz u stabbilit ukoll li dan ir-rapport (li kopja ohra tieghu gietipprezentata u mehmuza mar-rikors tal-appell min-naha tal-appellanti), u li tali rapport jista' jkollu piz fuq l-ezitu tad-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddelibera u tiddeciedi fil-mertu, hija ma kellhiex quddiema l-provi kollha li gew prodotti mill-partijiet. Dan il-fatt wahdu mhux biss kien jirrendi parti mill-*iter* processwali irritu u null imma, apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li dan in-nuqqas seta' jwassal ukoll ghal decizjoni skorretta u ingusta, jista' jaghti lok ghal komplikazzjonijiet ohra procedurali fil-futur, fosthom il-possibilita` ta' talba ghal fini ta' ritrattazzjoni – hekk ara l-Artikolu 811, subinciz (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm ikun fis-setgha taghha li taghmel dan, din il-

Qorti lanqas ma jidhirlha gust jew opportun li tiddelibera u tiddeciedi hi fil-mertu f'dan l-istadju ghaliex b'hekk hija tkun qeghda ttellef lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami fir-rigward ta' punt li jista' jkun wiehed krucjali ghal dak illi jikkoncerna l-ezitu finali tal-kawza. Din il-Qorti fl-istess waqt trid taghmilha cara, a skans ta' kull ekwivoku, li hija mhux qeghda tghid li r-rapport – Dok AA5 – li issa ghandu jitqies ukoll bhala parti integrali mill-provi, ghandu necessarjament igib xi bidla minn kif gia` gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad, imma qeghda tghid biss li fid-deliberazzjonijiet taghha dwar htija o meno tal-partijiet fil-kawza, dan id-dokument ghandu jittiehed ukoll fl-intier tieghu in konsiderazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-uniku rimedju opportun fic-cirkostanzi huwa dak li, prevja li tiddikjara n-nullita` tad-decizjoni appellata, tibghat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, ghar-ragunijiet fuq moghtija, thassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-28 ta' Jannar 2010, b'dan li tordna li l-atti kollha tal-kawza jigu rimessi f'idejn dik l-istess Qorti bla dewmien sabiex wara li tiehu konjizzjoni tal-provi kollha u tisma' x'ghandhom x'jissottomettu l-partijiet, tghaddi biex tiddeciedi skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu minghajr taxxa, filwaqt li dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------